**28 ta' Mejju, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

Il-Pulizija (Spt. Joseph Grech)

*versus*

Eugenio Said

## *Ne Bis in Idem* – Appell ta' l-Avukat Ġenerali

*Meta tingħata l-eċċezzjoni tan-ne bis in idem l-ewwel ħaġa li għandha ssir hi li tiġi infilzata fil-proċess kopja legali tas-sentenza li fuqha tkun qed tiġi bbażata dik l-eċċezzjoni; u għandu jirriżulta wkoll mill-korp tas-sentenza l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti biex waslet għall-konklużjoni li takkolji dik l-eċċezzjoni.*

Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tas-7 ta' Ottubru, 1992 li minnha sar l-appell preżenti taqra hekk:

"Rat l-imputazzjoni miġjuba *kontra l-imputat talli*

f'Għawdex għamel jew ġiegħel jew ħalla li jsir xi ħaġa f'Ciappelli Street u St. Andrew Street, Xewkija, Għawdex li għaliha huwa meħtieġ permess skond l-artikolu 16(1) tal-liġijiet tal-Pulizija Kapitolu 10, mingħajr dak il-permess, jew mhux skond il-*kundizzjonijiet ta' dak il-permess, konsistenti dan il-ksur filli ma* mexiex mal-kundizzjonijiet tal-permess;

Għaldaqstant il-Qorti hija mitluba li tappunta għas-smigħ dan il-każ b'urġenza skond is-subartikolu 7 ta' l-artikolu 17 tal-liġijiet tal-Pulizija, Kapitolu 10 u li jiġu applikati d-disperizzjonijiet tas-Subartikoli (1)(3) u (8) ta' l-imsemmi artikolu 17;

Fl-aħħarnett il-Qorti hi mitluba tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' xi dritt li l-ħati għandu fi jew fuq, proprjetà immobbli li dwarha sar ir-reat, u dan skond l-artikolu 17A tal-Kap. 10 tal-Liġijiet ta' Malta;

*Stante* l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem;*

Liberat'';

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza ta' l-ewwel Qorti sabiex din il-Qorti tiddeċidi skond il-liġi u ssib lill-appellat ħati ta' l-akkuża dedotta kontrih u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi sfortunatament f'din il-kawża, il-Qorti se jkollha tkun iebsa fil-kummenti tagħha peress illi tħossha ffrustrata bil-mod kif inġieb quddiemha dan *l-appell*;

Fl-ewwel lok jiġi osservat illi jekk wieħed jifli l-proċess ta' l-inkartament tal-prim'istanza, wara ċ-ċitazzjoni jsib illi fis-7 ta' Ottubru, 1992 Dr. Anton Refalo għall-imputat, eċċepixxa fl-ewwel lok in-*ne bis in idem*. Fl-istess ġurnata xehed Mark Cini li hu *building inspector* u dak in-nhar stess ingħatat is-sentenza li bl-iktar mod lakoniku, sempliċement illiberat lill-imputat "*stante* l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem*" bħallikieku, għax hekk tista' tinftiehem kif inhi redatta l-istess sentenza, il-fatt biss li wieħed iqajjem eċċezzjoni ta' *ne bis in idem*, neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni;

Mhux ta' b'xejn allura, l-Avukat Ġenerali, bir-raġun kollu, appella minn din is-sentenza u bħala aggravju ċar u manifest issottometta illi l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* mingħajr lanqas biss ma indikat liema sentenza kkrejat dan l-istat bl-impossibbilità għalih li jikkontrolla jekk verament in-*ne bis in idem* kienx jeżisti jew le. Inoltre dan anke jekk jeżisti, l-ewwel Qorti naqset li tisma' l-provi dwar jekk il-bini twaqqax jew le għax il-Qorti f'kull każ kellha tordna it-twaqqigħ ta' kull bini li ttella' illegalment;

F'dan kollu l-appellant Avukat Ġenerali għandu *mitt elf* raġun u din il-Qorti ma tistax ma tiċċensurax dak illi ġara. Mhux sewwa, la għall-Prosekuzzjoni u għall-Avukat Ġenerali li għandu dejjem dritt ta' appell meta l-liġi tagħtihulu, u wisq u wisq inqas għal din il-Qorti li quddiemha jistgħu jaslu l-proċeduri jekk ikun

hemm appell illi tiġi kkonfrontata bi proċess illi minnu sempliċement ma tistax taqbad art. Mhux sewwa, għaliex huwa elementari illi jekk kien hemm l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem*, l-ewwel ħaġa illi kellha ssir hija li tiġi infilzata fil-proċess kopja legali tas-sentenza li fuqha kienet qiegħda tiġi bbażata l-eċċezzjoni u li jirriżulta mill-korp tas-sentenza l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti biex waslet għall-konklużjoni li takkolji l-istess eċċezzjoni;

Ma' dan jista' jiżdied ukoll dak illi osserva l-Avukat Ġenerali u ċjoè illi fi kwalunkwe każ kellu jiġi stabbilit il-kostruzzjoni għadhiex hemm jew le, għaliex kif ġie osservat jekk għadha hemm u din hija kontra l-liġi, l-istess trid titwaqqa'. F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti tara illi ma tistax tissana bl-ebda mod dak illi ġara u konsegwentement sejra tannulla s-sentenza. Fiċ-ċirkostanzi wkoll, jidhrilha opportun *stante* li mhix f'posizzjoni illi tapprezza xejn aktar, illi m'għandhiex tisma' l-provi hi b'mod illi tippriva lill-partijiet mill-benefiċċju tad-doppju eżami u għalhekk sejra tibgħat l-atti lill-ewwel Qorti biex il-proċess isir mill-ġdid u tpoġġi lill-imputat fl-istess posizzjoni li kien quddiem l-ewwel Qorti wara li hu ta l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem;*

Għal dawn il-motivi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali, tannulla s-sentenza ta' l-ewwel Qorti peress illi hija nieqsa minn kull motivazzjoni u biex ma tipprivahx lill-partijiet mill-benefiċċju tad-doppju eżami kif ingħad, qiegħda tibgħat l-atti lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni, fit-termini ta' dak li għadu kemm intqal aktar 'il fuq fil-paragrafu preċedenti, u deċiżjoni skond il-liġi.